# Id-Dħul Pensjonabbli

ĦMISTAX ilu konna bdejna l-ħarsa tagħna lejn id-diversi benefiċċji li jeżistu taħt l-iskema kontributorja b'ħarsa lejn il-Pensjoni taż-Żewġ Terzi, li kienet iddaħħlet fl-1979. Konna għedna li l-Pensjoni taż-Żewġ Terzi tiddependi fuq erba' fatturi importanti – (i) il-kundizzjonijiet statutorji, (ii) it-test tal-kontribuzzjonijiet, (iii) id-dħul pensjonabbli, u (iv) jekk hix titħallas pensjoni tas-servizz u ttrattajna l-ewwel tnejn minn dawn il-fatturi.

Illum se nittratta fattur ieħor importanti u kruċjali għall-Pensjoni taż-Żewġ Terzi li huwa d-Dħul Pensjonabbli biex il-ġimgħa d-dieħla ntemm il-ħarsa tiegħi lejn il-Pensjoni taż-Żewġ Terzi billi nittratta l-Pensjoni tas-Servizz, kif din hija definita, kif tiġi kkalkulata għall-fini tas-sigurtà soċjali u x'effett għandha fuq il-Pensjoni taż-Żewġ Terzi.

## X'inhu d-Dħul Pensjonabbli?

Fi kliem sempliċi, id-Dħul Pensjonabbli huwa dak id-dħul li fuqu ikun iddeterminat l-ammont ta' pensjoni li persuna titħallas. Il-mod kif dan jigi ikkalkulat ivarja skond meta twieldet il-persuna u skond jekk il-persuna hijiex impjegata jew taħdem għal rasha. Fit-Tabella A dawn id-differenzi huma spjegati b' mod ċar.

Mit-Tabella A joħorġu tliet fatturi interessanti. L-ewwel nett, id-differenza bejn kif jinħadem id-dħul pensjonabbli skont l-età toħroġ mit-tibdil li kien iddaħħal bħala parti mir-riforma tal-pensjonijiet li dwarha tkellimna xi ġimgħat ilu. Dan it-tibdil dieħel gradwalment skont meta l-persuna tkun twieldet.

It-tieni nett, id-differenza li teżisti llum fil-mod kif jinħadem id-dħul pensjonabbli bejn persuna impjegata u persuna li taħdem għal rasha eventwalment se tispiċċa għal persuni li twieldu fl-1962 jew wara.

It-tielet nett, filwaqt li l-paga/salarju/dħul nett li jigi kkunsidrat għad-Dħul Pensjonabbli għal persuni li twieldu qabel l-1962 dejjem huwa ristrett għal snin konsekuttivi (tliet snin jew għaxar snin skont il-każ), dan mhux se jibqa' l-każ għal persuni li twieldu fl-1962 jew wara (għaxar snin mhux neċessarjament konsekuttivi f'40 sena).

Tajjeb li ngħid li tezisti differenza oħra fil-mod kif jinħadem id-Dħul Pensjonabbli ta' persuna impjegata u ta' persuna li taħdem għal rasha. Mal-pagi/salarji bażiċi (jiġifieri l-pagi/salarji li fuqhom tkun tħallset il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali) ta' persuna impjegata, iridu jiżdiedu iż-żidiet li jkun ta l-Gvern għall-ogħli tal-ħajja fissnin ta' wara u sas-sena li fiha tkun se titħallas il-pensjoni. Dan ukoll isir fil-każ ta' persuna li taħdem għal rasha iżda ssir biss jekk kemm-il darba d-dħul nett minn sena partikolari għal oħra ikun mill-anqas daqs jew aktar miż-żieda għall-ogħli tal-ħajja. Dan wieħed jista' jifhmu aħjar fit-Tabella B.

| **TABELLA B:** ID-DĦUL PENSJONABBLI JINĦADEM HEKK | | | |
|---|---|---|---|
| SENA | SALARJU | ŻIEDA COL | TOTAL |
| 2007 | 13,828 | 696.49 (2008-2010) | 14,524.49 |
| 2008 | 14,389 | 514.80 (2009-2010) | 14,903.38 |
| 2009 | 14,962 | 302.64 (2010) | 15,264.64 |

## Dħul Pensjonabbli massimu

Infakkar ukoll li d-Dħul Pensjonabbli massimu jvarja wkoll skont meta l-persuna twieldet. Fi kliem ieħor, dan ifisser li jekk il-paga/salarju jew dħul nett ta' persuna huwa ogħla mid-Dħul Pensjonabbli massimu, xorta l-ogħla pensjoni taż-Żewġ Terzi li tista tithallas ma tkunx ogħla minn żewġ terzi tad-Dħul Pensjonabbli massimu.

Id-Dħul Pensjonabbli massimu fl-2010 hu ta' €17,115.80 fis-sena. Madankollu, mis-sena d-dieħla (2011) d-Dħul Pensjonabbli Massimu se jibda jinbidel u jvarja skont meta l-persuna tkun twieldet, kif ġej:

(i) persuna li twieldet fl-1951 jew qabel – jiżdied biż-żidiet tal-ogħli tal-ħajja sakemm jilħaq massimu ta' €17,470 fis-sena;

(ii) persuna li twieldet bejn l-1951 u l-1961 – jiżdied biż-żidiet tal-ogħli tal-ħajja sakemm jilħaq massimu ta' €20,964 fis-sena;

(iii) persuna li twieldet bejn fl-1962 jew wara – l-ewwel jiżdied fi tliet partijiet ugwali bejn l-2011 u l-2013 sakemm jilħaq massimu ta' €20,964 fis-sena, u mill-2014 'il quddiem jiżdied b'mekkaniżmu li 70% minnu jkun ibbażat fuq iż-żidiet medji fis-salarji u 30% fuq iż-żieda fl-inflazzjoni.

## Ftit eżempji

Tajjeb li issa naraw żewġ eżempji, wieħed dwar persuna impjegata u oħra li taħdem għal rasha. Illimitajt dawn iż-żewġ eżempji għal persuni li jirtiraw din is-sena biex inżommuhom sempliċi kemm jista' jkun.

(a) Raġel impjegat li twieled fl-1949 u allura jilħaq l-età tal-pensjoni (61) din is-sena (fl-2010) għandu l-ogħla salarji bażiċi annwali tiegħu fl-2007 (€13,828), 2008 (€14,389) u fl-2009 (€14,962).

It-total tal-aħjar tliet snin huwa €44,692.51 mela l-medja tal-aħjar tliet snin hi €14,897.50. Dan huwa d-Dħul Pensjonabbli ta' din il-persuna. F'dan il-każ, jekk din il-persuna taħdem l-2010 kollha, il-medja mbagħad tinħadem (jekk ikun jaqblilha) fuq l-2008, l-2009 u l-2010 u l-pensjoni titħallas mill-ewwel Sibt ta' Jannar, 2011.

(b) Raġel jaħdem għal rasu li twieled fl-1949 u allura jilħaq l-età tal-pensjoni (61) din is-sena (fl-2010) għandu dħul nett li jvarja minn €7,000 fl-1999 sa €15,500 fl-2009. Fuq dan id-dħul nett dejjem ħallas il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali korrettament skont id-dħul nett li ddikjara kull sena.

It-total tal-aħħar għaxar snin huwa ta' €114,245.68 mela l-medja hija ta' €11,424.57.

Dan huwa d-Dħul Pensjonabbli ta' din il-persuna. Tajjeb li ngħid li d-dħul nett iddikjarat għas-snin 2000, 2004 u 2008 ma ġiex aġġustat bħas-snin l-oħrajn.

Dan ġara minħabba li f'dawn it-tliet snin imsemmijin, imqabblin mas-snin ta' qabel, id-dħul nett jew ma żdiedx jew żdied b'ammont li hu inqas miż-żieda għall-ogħli tal-ħajja mogħtija f'dawk is-snin rispettivament. Importanti wkoll li jekk il-persuna li taħdem għal rasha thallas kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali b'rata inqas milli suppost, id-dħul nett li jiġi kkonsidrat ikun dak li fuqu tħallset il-kontribuzzjoni, jiġifieri inqas.

## Iż-Żewġ Terzi

Jekk tiftakru ħmistax ilu kont tajt ftit ezempji dwar kif jinħadem it-test tal-kontribuzzjonijiet. Skont dawn l-eżempji kienu ħarġu tliet medji ta' kontribuzzjonijiet differenti. L-ewwel wieħed li ħareġ kien ta' 50, it-tieni wieħed kien ta' 43.76 u t-tielet wieħed kien ta' 13.07.

Jekk tiftakru kont semmejt li l-formula użata biex tiġi kkalkulata l-Pensjoni taż-Żewġ Terzi hija din:

(Il-medja tal-Kontribuzzjonijiet/50) x (2/3) x id-Dħul Pensjonabbli.

Mela, biex nimxu mal-eżempji msemmijin fuq jekk il-medja tal-kontribuzzjonijiet ta' persuna hija 50 jew aktar, dan ifisser li din il-persuna se jkollha l-pensjoni sħiħa ta' żewġ terzi tad-Dħul Pensjonabbli tagħha. Dan minħabba li l-somma 50/50 x 2/3 tagħtik riżultat ta' 2/3 jew 0.66666.

Għalhekk il-persuna impjegata msemmija fl-eżempju, li



| **TABELLA A:** IL-KALKOLU TAD-DĦUL PENSJONABBLI | | |
|---|---|---|
| META TWELIDT | IMPJEGAT | TAĦDEM GĦAL RASEK |
| Qabel l-1952 | Il-medja tal-ogħla pagi/salarji bażiċi fi tliet snin konsekuttivi fl-aħħar għaxar snin ta' qabel l-irtirar. | Il-medja tad-dħul nett tagħha li fuqha tkun thallset il-kontribuzzjoni matul l-aħħar għaxar snin kalendarji qabel l-irtirar. |
| Bejn l-1952 u l-1955 | Il-medja tal-ogħla pagi/salarji bażiċi fi tliet snin konsekuttivi fl-aħħar 11-il sena ta' qabel l-irtirar. | Il-medja ta' l-ogħla dħul nett tagħha li fuqha tkun thallset il-kontribuzzjoni matul għaxar snin konsekuttivi fl-aħħar 11-il sena kalendarji qabel l-irtirar. |
| Bejn l-1956 u l-1958 | Il-medja tal-ogħla pagi/salarji bażiċi fi tliet snin konsekuttivi fl-aħħar 12-il sena ta' qabel l-irtirar. | Il-medja tal-ogħla dħul nett tagħha li fuqha tkun thallset il-kontribuzzjoni matul għaxar snin konsekuttivi fl-aħħar 12-il sena kalendarji qabel l-irtirar. |
| Bejn l-1959 u l-1961 | Il-medja tal-ogħla pagi/salarji bażiċi fi tliet snin konsekuttivi fl-aħħar 13-il sena ta' qabel l-irtirar. | Il-medja ta' l-ogħla dħul nett tagħha li fuqha tkun thallset il-kontribuzzjoni matul għaxar snin konsekuttivi fl-aħħar 13-il sena kalendarji qabel l-irtirar. |
| Wara l-1961 | Il-medja tal-ogħla pagi/salarji bażiċi f'għaxar snin matul perjodu ta' 40 sena mill-età ta' 18 sal-età tal-irtirar. | Il-medja tal-ogħla dħul nett f'għaxar snin matul perjodu ta' 40 sena mill-età ta' 18 sal-età tal- irtirar. |

*IMPORTANTI: L-informazzjoni li qed tingħata f'din ir-rubrika mhijiex intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurta' soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurta' soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.msp.gov.mt, tibgħat imejl fuq soċial.seċurity@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella iċċempel fuq in-numru 159.*

għandha Dħul Pensjonabbli ta' €14,897.50, f'dan il-każ ikollha pensjoni ta' €9,931.57 fis-sena (€14,897.50 x 0.66666). Min-naħa l-oħra, il-persuna li taħdem għal rasha li semmejna fl-eżempju, ikollha pensjoni ta' €7,616.30 fis-sena (€11,424.57 x 0.66666).

Iżda jekk il-medja tal-kontribuzzjonijiet ta' persuna hija inqas minn 50, eżempju 43.76, dan ifisser li din il-persuna mhix se jkollha l-pensjoni sħiħa ta' żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tagħha. Dan minħabba li s-somma 43.76/50 x 2/3 tagħtik riżultat ta' 0.58346.

Għalhekk, il-persuna impjegata msemmija fl-eżempju, f'dan il-każ ikollha pensjoni ta' €8,692.10 fis-sena (€14,897.50 x 0.58346). Min-naħa l-oħra, il-persuna li taħdem għal rasha li semmejna fl-eżempju, ikollha pensjoni ta' €6,665.78 fis-sena (€11,424.57 x 0.58346).

Tajjeb li ngħidu li l-Pensjoni taż-Żewġ Terzi mħallsa qatt ma tista' tkun inqas mill-Pensjoni Minima Nazzjonali mħallsa skont il-medja ta' kontribuzzjonijiet applikabbli.

Minn barra hekk, fl-eżempji ta' fuq qegħdin nassumu li dawn iż-żewġ persuni ma għandhomx pensjoni tas-servizz. Dwar din nikteb ħmistax oħra.



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

L-aħħar osservazzjoni: għaliex ma użajtx l-eżempji biex nikkalkula l-pensjoni ta' xi ħadd li l-medja tal-kontribuzzjonijiet tiegħu hija ta' 13.07?

Dan minħabba li, kif spjegajt ħmistax ilu, jekk il-medja tal-kontribuzzjonijiet tkun inqas minn 15, il-persuna ma jkollha l-ebda dritt għall-Pensjoni taż-Żewġ Terzi.

**TABELLA Ċ: ID-DĦUL PENSJONABBLI JINĦADEM HEKK**

| SENA | SALARJU | ŻIEDA COL | TOTAL |
|---|---|---|---|
| 2000 | 7,100 | 0 | 7,100.00 |
| 2001 | 7,400 | 1,877.48 (2002-2010) | 9,277.48 |
| 2002 | 8,200 | 1,695.79 (2003-2010) | 9,895.79 |
| 2003 | 8,900 | 1,4831,877.48.82 (2004-2010) | 10,383.82 |
| 2004 | 8,100 | 0 | 8,100.00 |
| 2005 | 10,300 | 1,181.00 (2006-2010) | 11,481.00 |
| 2006 | 12,800 | 908.46 (2007-2010) | 13,708.46 |
| 2007 | 14,300 | 696.49 (2008-2010) | 14,996.49 |
| 2008 | 13,500 | 0 | 13,500.00 |
| 2009 | 15,500 | 302.64 (2010) | 15,802.64 |

■ Issa ngħaddi għal mistoqsija li rċevejt mingħandkom il-qarrejja. Anthony Agius mill-Qala, Għawdex, staqsa: "Jekk impjegat tal-Gvern, miżżewweġ, li twieled f'Novembru tal-1950 u daħal fis-servizz pubbliku fl-1968, jirtira mis-servizz fl-aħħar ta' Jannar 2011 u jieħu l-pensjoni tas-servizz, għandu bżonn jibqa' jħallas il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali sakemm jagħlaq il-61 sena?" Nirringrazzja lis-Sur Agius tal-mistoqsija tiegħu.

F'każ bħal dan, il-persuna ma tkunx obbligata, u effettivament lanqas tista', tħallas il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali. Dan minħabba li persuna miżżewġa ma tistax tħallas il-kontribuzzjoni jekk ma tkunx f'impieg. Biss, f'każ bħal dan wieħed ikun irid jivverifika jekk minħabba l-fatt li se jkollu perjodu mingħajr kontribuzzjonijiet imħallsin jew akkreditati, dan jistax jaffettwa ir-rata tal-pensjoni tal-irtirar tas-sigurtà soċjali.

Fl-eżempju mogħti f'din il-mistoqsija, il-persuna għandha 42 sena servizz u meta se tirtira mis-servizz ikun baqagħlha għaxar xhur biss sakemm tagħlaq 61 sena. F'dan il-każ dan in-nuqqas ta' kontribuzzjonijiet, minħabba li huwa f'perjodu qasir, mhux se jaffettwa bl-ebda mod il-pensjoni tas-sigurtà soċjali.

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

**Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont,**
**A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000**

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz* ***ittri@unionprint.com.mt****. Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*

**TABELLA Ċ: ID-DĦUL PENSJONABBLI JINĦADEM HEKK**

| SENA | DĦUL NETT | ŻIEDA COL | TOTAL |
|---|---|---|---|
| 2000 | 7,100 | 0 | 7,100.00 |
| 2001 | 7,400 | 1,877.48 (2002-2010) | 9,277.48 |
| 2002 | 8,200 | 1,695.79 (2003-2010) | 9,895.79 |
| 2003 | 8,900 | 1,483.82 (2004-2010) | 10,383.82 |
| 2004 | 8,100 | 0 | 8,100.00 |
| 2005 | 10,300 | 1,181.00 (2006-2010) | 11,481.00 |
| 2006 | 12,800 | 908.46 (2007-2010) | 13,708.46 |
| 2007 | 14,300 | 696.49 (2008-2010) | 14,996.49 |
| 2008 | 13,500 | 0 | 13,500.00 |
| 2009 | 15,500 | 302.64 (2010) | 15,802.64 |

# Id-Dħul Pensjonabbli

■ B'referenza għall-artiklu "Id-Dħul Pensjonabbli" minn Mark Musù, Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, ippubblikat fil-ħarġa tagħna tal-bieraħ iridu jsiru korrezzjonijiet f'waħda mit-tabelli. Minbarra li s-sotto-titlu **SALARJU** kellu jaqra **DĦUL NETT**, iċ-ċifra taż-żieda għall-2003 kellha taqra **1,483.82** minflok **1,4831,877.82** kif deher bi żvista. Għaldaqstant it-tabella kellha tidher bħalma hi hawn fuq. Niskużaw ruħna għal kull inkonvenjent.